MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 779/2002/1

**Joseph Abdilla u martu Theresa**

**Vs**

**Andrew Scicluna u martu Elizabeth Grech Scicluna**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Mejju 2002 fejn l-atturi talbu sabiex il-konvenuti ihallsu is-somma ta' Lm276.85 (mitejn sitta u sebghin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu) dovuti ghal appogg.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Is-somma premessa hija dovuta mill-konvenuti ghal appogg pratikat minnhom mall-hajt komuni li jifred il-fondi rispettivi tal-kontendenti, u dana skond l-annessa kopja tar-rapport mahrug mill-perit Ronald Muscat Azzopardi, immarkat Dok A.

Illi ghalkemm il-konvenuti gew interpellati sabiex jaghmlu l-hlas relattiv, anke permezz ta’ ittra ufficcjali (kopja taghha hawn annessa u mmarkata Dok B), huma baqghu inadempjenti, u mhux biss imma dak li ppromettew li jaghmlu (permezz ta’ ittra ufficjali responsiva ta’ iktar minn senbtejn ilu, kopja taghha hawn annessa u mmarkata Dok C) u cioe` li jibnu indipendentement, qatt ma ghamluh, bil-konsegwenza li nqdew u qed jinqdew bil-hajt komuni u jippretendu li ma jhallsux, u dana kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali mid-data ta’ l-ittra ufficjali, kontra l-konvenuti, li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-
1. Il-konvenuti mhux il-legittimi kontendituri peress li l-propjeta` msemmija mhux taghhom imma ta’ Anthony Grech.
2. L-azzjoni tal-atturi hija intempestiva peress qatt ma gie spjegat il-kont ta’ x’hiex huwa u peress li l-kostruzjoni fuq il-fond ghadha sejra.
3. Ma gie ipprattikat l-ebda appogg mil-fond ta’ Anthony Grech fuq dak ta’ l-atturi.
4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti, inkluz in-noti ta’ referenzi.

Ikkonsidra:
Illi l-attrici qed jippretendu li jithallsu ghall-appogg talvolta ezercitat mill-konvenuti fil-hajt tal-gnien li jifred iz-zewg fondi. Il-ligi civli tistabilixxi fl-Art 410 tal-Kap 16 li l-istess hajt huwa komuni bejniethom sabu, kull prova kontarja. Mhux kontestat mill-konvenuti li l-hajt gie kostruit mill-attrici. Pero' huma jallegaw li ma esecitaw l-ebda dritt ta' appogg mal-hajt u ghalhekk ma hu dovut xejn lilhom.

Jirrizulta mir-relazzjoni peritali teknika tal-A.I.C Valerio Schembri u mir-ritratti hemm esibiti, illi l-konvenuti ma appoggawx mal-istess hajt tal-gnien. Huwa veru, kif ritenut mill-istess atturi li l-hajt tal-gnien qed iservi wkoll lil

konvenuti ghax li kieku ma kienx hemm il-hajt taghhom, kien jkollhom jibnu wiehed. Pero' il-kuntatt ta' appogg huwa limitat ghal-uzu proprio tieghu! Dan gie konfermat fid-decizjoni tal-Appell Sup. Fl-ismijiet Laurence Hili et vs. Lewis Hayman et ( Citaz Nru 1574/97 deciz fl-10/01/03).

Hija nieqsa l-prova li l-konvenuti utilizzaw il-hajt billi qabdu u/jew bnew mieghu. Mhux hekk biss, izda kif gie deciz fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Superjuri fl-ismijiet Joseph Mifsud u Louis Muscat et. deciza fil- 12 ta' Mejju 2000, il-fatt ta` addellament mill-parti ta' quddiem u/jew gheluq/tikhil tal-fissura bejn iz-zewg hitan a skop ta` nuqqas ta` dhul tal-ilma tax-xita ma jikkonstitwxix l-uzu utilizzat fit-termini tal-ligi, duttrina u gurisprudenza biex jigi kostitwit ezercizzju ta' appogg li jesigi konsegwentement il-hlas tieghu.

Jiddeciedi billi jilqa" l-eccezjonijiet tal-konvenuti u kjamati fil-kawza, jichad it-talbiet attrici u tenut kont tac-cirkostanzi specjali tal-kaz, l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------